MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 508/2003

***Attard & Co. Limited***

***vs***

***Blaschem (Malta) Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tlieta u hamsin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1053.74) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' bejgh ta' equipment mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici u dana skond fattura annessa ma'l-avviz u immarkata bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra n-nota ta’ ammissjoni pprezentata mis-socjeta’ konvenuta fis-seduta tal-11 ta’ April 2003, li permezz taghha hija qieghda tammetti t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mis-socjeta’ konvenuta fil-11 ta’ April 2003, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u tlieta u hamsin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1053.74), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------